**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Cathriona Sciberras**

*Kaz numru 3533/22*

Illum, is-27 ta' Jannar 2025

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil:

**Cathriona Sciberras**, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 428986(M), resident 31, Matri Maison, Fl 3, Triq Filippu Gutenberg, Il-Qrendi u akkuzatha talli:

> ***Talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula***

***b'rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Frar 2022 u Marzu 2022, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Domenic Sciberras ghal uliedkom, irrifjutajt li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.***

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta fis-16 ta' Frar 2023 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Dr Mark Chetcuri LL.D.[1]

Semghet ix-xhieda;

Rat li s-smiegh tal-kazijiet bin-numri **2099/22** u **3533/22** mexa flimkien u li l-provi rispettivi ghandhom jghoddu ghal xulxin.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi l-imputata tinsab akkuzata li matul ix-xhur ta' Frar 2022 u Marzu 2022 naqset milli taghti access lil Domenic Sciberras ghal minuri Kane Sciberras u dan minkejja ordni tal-Qorti sabiex taghmel dan.

**Ikkunsidrat**

[1] Fol. 13 tal-atti processwali

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2023 xehed il-parte civile Domenic Sciberras[2]. Spjega li ghandu tifel minuri mal-imputat, li ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni u li fiz-zmien rilevanti, t-tifel minuri Kane Sciberras kien jghix mal-imputata. Jghid li l-imputata kienet ghamlet rapporti qarrieqa dwar abbuz fil-konfront tieghu li minnhom gie sussegwentament liberat u li d-dritt ta' access tieghu kien jemani minn digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-26 ta' Lulju 2017. Il-hinijiet tal-access kienu saghtejn nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis u gurnata fi tmiem il-gimgha li talterna bejn is-Sibt u l-Hadd mill-10:00hrs. Jispjega li fit-30 ta' Novembru 2021, kumbinazzjoni wara li t-tifel kien xehed fil-proceduri ta' kumpilazzjoni kontrih, l-imputata waqfet taghtig access ghat-tifel u dan minghajr ma kien hemm l-ebda ordni mill-Qorti sabiex l-access jigi sospiz jew imwaqqaf. Dam incahhad mill-access sa Mejju ta' wara. Jispjega li t-tifel, li dak iz-zmien kellu 7 snin, kien beda' jghid li "jien mal-mummy biss irrid noqghod" u kliem simili li fil-fehma tax-xhud, kien car li mhux ta' tifel ta' 7 snin. L-imputata kienet tkellmu mill-antiporta waqt li hu jibqa' barra l-parapett u tghidlu li t-tifel mhux sejjer ghall-access. Ipprezenta recording tat-tifel li fit-23 ta' Dicembru 2021 kien diga` qed jghid li "il-mummy preparatni biex ma nigix". In kontro-ezami jaccenna ghall-fatt li meta suppost kellhom isiru supervised access visits (SAV) l-Appogg f'Mejju 2022, l-imputata kienet tidhol mat-tifel u ma kien isir l-ebda quality time imma reitera li primarjament, qabel dan, kull meta kien imur ghat-tifel fir-residenza tal-omm kienet thallih fuq il-bankina u tghidlu mill-antiporta li t-tifel mhux sejjer. Qabel li f'okkazjoni

[2] Fol. 6A *et. seq.* tal-atti processwali

wahda waqt SAV, it-tifel kien qalli li ma jridx imur mieghu ghax "kien abbuzah". Qabel ukoll li kien hemm okkazjoni fejn it-tifel qal li ma jridx imur ghall-access "ghax m'ghadnix baby". Jghid li kien hemm okkazjonijiet fil-passat fejn digrieti dwar access ma gewx rispettati mill-imputata.

Fl-istess seduta xehdet minn rajha l-imputata Cathriona Sciberras[3]. Tghid illi t-tifel kien ilu jilmenta minn abbuz sesswali wara l-access ma missieru u eventwalment kienet innutat xi grif vicin il-parti tieghu u l-warrani u darba minnhom kellu ukoll reda u sinjali generali ta' trawma psikologika. Fil-fatt kien sar rapport mac-Child Protection Services (CPS) minn naha tal-Agenzija Sedqa u l-Iskola. Spjegat ukoll li ilha separata minn na missier it-tifel mis-sena 2015 u qablet li d-digriet regolanti l-access inghata fis-sena 2017. Tghid li imbaghad ftit li xejn inghatat ghajnuna mis-CPS u li fit-30 ta' Novembru 2021 it-tifel xehed fil-Qorti dwar l-abbuz li skont hi kien qed jghaddi minnu u minn dak il-mument beda' jibza' aktar minn qabel jiltaqa' ma missieru minhabba possibbli ritaljazzjoni. Tghid li minkejja li l-abbuz kien ilu ghaddej, hija ghamlet diversi rikorsi ghal varjazzjoni tal-access li gew michuda u ghalhekk xorta baqghet tibghat lit-tifel ghall-access. Skont hi, it-turning point li bidet kollox hija x-xhieda fil-Qorti ghax it-tifel ikkonfronta lil missieru. Spjegat li kienet hi li fl-14 ta' Dicembru 2021 dahhlet rikors fejn talbet ghal SAVs izda dan gie degretat biss f'Mejju 2022 u fit-fatt minn hemm bdew l-SAVs. Irreiterat li t-tifel kien jaghmel rezistenza kbira biex imur ghall-access, liema rezistenza baqghet anke` meta bdew l-SAVs. L-imputata spjegat li kien hemm okkazjonijiet meta l-access ma kienx bis-supervizjoni fejn hi kienet tnizzel lit-tifel u meta kien jghid li ma jridx imur ghax missieru kien jabbuzah, dan kien jaqbad "jizzufjetta bih" u jwaqqghu ghac-cajt biex jipprovokah. In kontro ezami l-imputata sahqet li hi

[3] Fol. 6B *et. seq*. tal-atti processwali

qatt ma inghatat access ghar-rapporti tal-esperti fl-inkjesta li eventwalment ezonerat lill-missier it-tifel mill-allegazzjonijiet ta' abbuz u kkonfermat li f'dak il-mument, it-tifel kien qed jirresjiedi mal-missier wara ordni mill-Qorti miksuba bi pressjoni minn naha tal-Agenzija Appogg.

PC 2078 Luke Azzopardi, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi xehed permezz ta' affidavit[4] li permezz tieghu ikkonfermat li nhar il-5 ta' Mejju 2022 Dominic Sciberras kien irrapporta li matul ix-xhur ta' Frar u Marzu 2022 ma inghatax access ghal ibnu Kayne Sciberras mill-imputat minkejja digriet tal-Qorti li jordna dan l-access. Ix-xhud tjghid li giet mitkellma ukoll l-imputata izda din qalet li l-verzjoni taghha ser taghtiha quddiem il-Qorti.

Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2023 xehed Dr Nigel Camilleri, psikjatra[5]. Ra lill-minuri Kane Sciberras l-ahhar fis-26 ta' Jannar 2023. Spjega li minn dak li ra, il-minuri kien ihossu komdu meta jkun fil-prezenza ta' ommu imma meta jsir diskors fuq missieru, jibza' u jieqaf jitkellem. Ghalhekk kien irrakomanda li sakemm isir xoghol fuq trawma mal-minuri, l-access mal-missier ikun limitat u fil-fatt sahaq li t-tifel kellu bzonn terapija "attachment work" qabel ma jkun f'kuntatt ma missieru. Jghid li ghalhekk ma rax provi konklussivi, il-mod kif kien jipprezenta ruhu t-tifel kienet indikattiv ta' persuna li ghaddiet minn abbuz. In kontro-ezami stqarr li huwa beda jara lit-tifel f'Mejju 2022 u kkonferma li hu qatt ma ta rakomandazzjoni li l-access mal-missier jinqata' ghal kollox, fil-fatt f'dak iz-zmien kienu qed isiru SAVs.

[4] Fol. 7 tal-atti processwali
[5] Fol. 16-31 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehdet Annalise Tabone[6], li kienet l-ghalliema tal-minuri Kane Sciberras bejn Ottubru 2021 u Gunju 2022, Year 3. Spjegat li minn dak li kienet tara hi, bejn Ottubru 2021 u Dicembru 2021, Kane Sciberras kien "all over the place" u ma joqghodx attent. Imbaghad beda jikkalma minn Jannar 2022 it-tifel jidher li beda jikkalma u kien ikun aktar iffukat. Iddeskriviet episodju meta marret kellima mill-Agenzija Appogg, certu "Ms Raquel" u indirizzat lit-tfal dwar l-abbuz u waqt din is-sessjoni it-tifel deher agitat u irrabjat hafna. In kontro-ezami qalet li fil-Year 3 normalment it-tfal ikunu settled u ma jkunux agitate sempliciment ghax bdew sena skolastika. Stqarret li gieli semghat lit-tifel jghid li ma jridx imur ghand missieru ghax dan kien ifisser wisq caqlieq.

Fl-istess seduta xehed Lennox Baldacchino, Prefett tad-Dixxiplina fil-Kullegg San Benedittu[7]. Qal li kienu saru xi sessjonijiet one-to-pne mat-tifel wara talba ill-omm, izda oltre minn hekk irrifjutaw li jidhlu fil-kaz ghax minn naha tat-tifel qatt ma kien hemm disclosure. In kontro-ezami[8], ix-xhud kwalifika li huwa qatt ma kien kellem lill-minuri direttament u ghalhekk qaghad fuq dak li qalulu professjonisti ohrajn.

Fl-istess seduta xehdet Sonia Pevat, Guidance Teacher[9]. Ikkonfermat li flimkien ma counsellor kienet ghamlet 4 sessjonijiet mal-minuri Kane Sciberras u fejn dan kien qal li kien ihossu komdu mal-mummy u kien jiddejjaq imur ma missieru. Kienet ghamlet rapport li gie mghoddi lill-Agenzija Appogg. Minn dak il-punt ma regax kellha kuntatt mal-minuri. In kontro-ezami[10], ix-xhud spjegat li s-sessjonijiet maghha saru bejn Gunju 2021 u Frar 2022 u l-kuntatt li

---

[6] Fol. 55-64 tal-atti processwali
[7] Fol. 103-108 tal-atti processwali
[8] Fol. 125-126 tal-atti processwali
[9] Fol. 109-112 tal-atti processwali
[10] Fol. 127-131 tal-atti processwali

kellha hi kien biss mal-minuri izda kienet taf tramine l-Agenzija Appogg li kien hemm involviment tal-Pulizija li jirrigwarda l-missier. Iccarat li l-mansjoni taghha kienet limitata li titkellem mal-minuri u imbaghad irrapportat lill-Agenzija Appogg dwar dak li rat, bhal per ezempju meta l-minuri deher li kellu harqa fuq idu. Ikkummentat li meta t-tifel kien jghid li jrid jibqa′ ma ommu u ma jmurx ma missieru kien deher deciz u rizolt f′dak li kien qed jghid u dan meta kellu cirka 8 snin.

Fis-seduta tal-5 ta′ Lulju 2023 xehdet Martina Ebejer, Psikologa Forensika[11]. Hadmet mal-minuri Kane Sciberras bejn Mejju 2022 u Jannar 2023. Osservat li hekk kif beda′ l-access ma missieru bhal qisu beda′ jirritalja u stqarr maghha li ma kienx kuntent li kien qed ikollu jmur ghall-SAVs. Mill-istharrig li sar hareg li l-minuri kien ta′ intelligenza "average" izda mill-lat ta′ Child Attachment hareg li kien hemm polarization estrema fis-sena li kull fejn tidhol l-omm kollox tajjeb u kull fejn jidhol il-missier kollox hazin u kull meta jissemma l-missier jinghalaq fih innifsu u jsibha difficli jkompli jirrispondi. Spjegat li ghall-habta ta′ Settembru 2022, wara diversi sessjonijiet, it-tifel beda′ jesprimi sentimenti bhal "jien ghandi nahfirlu lill-papa`?", li huma indikattivi ta′ accettazzjoni u fejqan. In kontro-ezami ix-xhud asseriet li huwa professjonalment odjuz li taghti opinjoni fuq l-istat tat-tifel qabel ma beda jattendi ghas-sessjonijiet maghha. Kwalifikat li fir-rapport taghha, kien hemm rakomandazzjoni li l-access mal-missier ghandu jigi sospiz sakemm il-minuri jkun ghaddej mit-terapija sabiex jipprocessa "l-affarijiet li grawlu".

[11] Fol. 114-124 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Trattazjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023[12]. Il-prosekuzzjoni tghid li kien hemm digriet tal-Qorti vigenti dwar access li qatt ma gie emendat u li l-parte civile minn naha tieghu dejjem fittex li jerercitah l-access. Tirrimarka li minkejja li d-difiza tellghet hafna xhieda, ma ntqal xejn relevanti dwar jekk l-access kellux isir u fl-ahhar mill-ahhar, xejn ma rrizulta mid-diversi allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-parte civile dwar abbuz u fil-fatt, il-minuri illum qed jghix mal-parte civile. In kwantu ta' piena suggeriet wahda minima bhal conditional discharge taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputata tinghata taghlima. Id-difiza mill-banda l-ohra tghid li l-kaz huwa wiehed kumpless u "minn dawk il-koroh" u li l-Qorti trid tinvestiga certament jekk kienx hemm gustifikazzjoni legali ghalfejn l-access ma sehhx. Piz irid jinghata wkoll ghall-fatt li jirrizulta car, skont hi, li t-tifel stess kien qed jirrifjuta li jmur ghall-access mal-missier tant li sar rapport mal-Pulizija dwar dan mill-missier stess. Taccenna partikolarment ghall-fatt li l-professjonisti kollha li raw lit-tifel sabu sintomi psikologici li huma indikattivi ta' sitwazzjoni ta' abbuz u theddid u li allura, naturalment twassal ghal rezistenza di parti tat-tifel li jiltaqa' ma min kien wara dan l-abbuz, u cioe` missieru l-parte civile.

**Ikkunsidrat:**

[12] Fol. 133-149 tal-atti processwali

**Responsabbilita`**

L-imputata giet akuzata bil-kontravezjoni kif kontempalta fl-artikolu 338 ll tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li tipprovdi s-segwenti:-

> *"meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa"*

Illi ghalhekk l-imputata tista' tigi skuzata milli taghti access f'dawk ic-cirkostanzi biss fejn ikun hemm 'raguni tajba'. Pero x'inhi raguni tajba il-legislatur ma ighatix definizzjoni u t-test huwa wiehed soggetiv li jrid isir mill-gudikant b'mod individwali fuq il-provi li jitresqu quddiemu. Din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tara jekk ghandux ikun hemm varjazzjoni fid-digriet tal- Qorti tal- Familja izda li ghandha obbligu li tara li qed jigi segwit. F'kaz li l-akkuzata ikollha xi suspett qawwi li mhux idoneju li l-parti l ohra ikollha access ghal minuri zgur li ma tistax tiehu decisjoni b'mod soggetiv. Izda il-ligi tipprovdi rimedju u cioe` li tadixxi l-istess Qorti li kienet akkordat l-access lil zewgha ghat-tfal minuri u titlob varjazzjoni tad-digriet li jordna l-access. Pero' bl-ebda mod ma hi intitolata li arbitrarjament tissospendi – anki temporanjament – l-access sakemm id-Digriet li jkun jirregola l-access jkun ghadu in vigore.

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) jew ordni f'kuntratt bonarju, jew f'sentenza tal-Prim'Awla jew f'tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-access ghall-ulied minuri, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-imputata tkun naqset li tottempera ruhha ma

tali digriet jew sentenza, diment li ma tippruvax al menu sal-grad tal-probabbli li hemm raguni xierqa biex dan.

Altrimenti, din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' ordnijiet moghtija minn Qrati ohrajn jew maqbula f'kuntratt – mansjoni li certament ma' taqax taht il-kompetenza taghha.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-lanjanza principali tal-imputata, omm il-minuri Kayne Sciberras hi li t-tifel, li kellu seba snin fiz-zmien relevanti, ma kienx ikun irid imur ghall-access ma missieru, u cioe` l-parte civile.

Illi d-difiza akkampat ruhha ma diversi allegazzjonijiet li l-missier kien qieghed jabbuza lill-minuri sesswalment u emozzjonalment u kien ghalhekk li waqaf l-access habta u sabta u minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. In sostenn ta' din il-linja difensjonali, id-difiza ressqet diversi professjonisti bhala xhieda, fosthom lill-Psikjatra Dr Nigel Camilleri, lis-Psikologista Forensika Martina Ebejer u ufficjali mill-Iskola fejn jattendi l-minuri. In succint, dawn ikkonfermaw li l-imgieba u r-reazzjonijiet tat-tifel lejn il-missier kienu negattivi u li allura seta' kien hemm indikazzjoni ta' xi trawma. Madankollu, u dan huwa punt important hafna, dawn il-professjonisti kollha hadmu mat-tifel wara iz-zmien relevanti ghall-imputazzjonijiet odjerni u intant, l-ebda minnhom ma rrakommanda b'mod konkret li l-access mal-missier jinqata' ghal kollox.

Tajjeb jinghad ukoll, li mill-assjem tax-xhieda kemm tal-parte civile kif ukoll, indirettament, minn tal-imputata innifisha, johrog li ghalhekk saru investigazzjonijiet kriminali u sahansitra inkjesta dwar l-*in genere* dwar l-allegazzjonijiet ta' abbuz fil-konfront tal-parte civile, minn dawn ma rrizulta xejn konkret u fil-fatt, il-parte civile ma giex mixli b'reati konnessi.

Illi mill-provi johrog li l-parte civile dejjem wera nteress kbir biex jara lil ibnu Kayne u li l-imputata, ghal xi raguni jew ohra, m'ottemperatx ruhha mal-ordni tal-Qorti kompetenti fiz-zmien relattiv ghall-imputazzjoni minhabba raguni jew ohra.

Illi dan huwa kaz simili ghal dak li rrizulta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005 fl-ismijiet ***il-Pulizija v Isabelle Cilia*** u cioe li *"mill-assjem tal-provi jidher li hemm attwit kbir bejn il-konjugi Theuma, kif ta' spiss ikun hemm f'sitwazzjoni ta' din x-xorta fejn il-konjugi jkunu qed jisseparaw jew ghadhom kif isseparaw"*. Dik il-Qorti sostniet li dan jaghti lok ghal piki kontinwi u fin-nofs imbaghad, kif jigri ta' spiss, jizzefnu t-tfal. F'dan il-kaz hu t-tifel Kayne Sciberras li ma jridx imur ma missierhu ghall-access probabbilment b'turija ta' lealta` lejn ommu li f'dak iz-zmien kien jirresjiedi maghha. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, *"dan l-agir ma jezonerax lil imputata milli twettaq l-konsenja fizika tal-minuri lil missier u thalliha f'idejh kif giet ordnata taghmel mill-Qorti kompetenti. Sakemm jinbidel l-ordni tal-Qorti, b'digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifla ta' tlett snin, li zgur li ma tipprezenta ebda diffikulta biex tigi konsenjata fizikament, anke okkorrendo kontra r-rieda taghha mill-omm lil missier. Attwalment jigi li din t-tifla ckejkna tkun qed tassumi l-poteri ta' Qorti tal-Appell jew revisjoni biex tibdel hi l-ordni tal-Qorti."*

Kif tajjeb gie ritenut fis-sentenza moghtija nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***il-Pulizija v Jacqueline Zammit*** meta ntqal li:

*"Din l-Qorti terga ttenni dak li diga gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kazi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewwgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, din il-Qorti trid tigi ridotta f'Qorti t'Appell mid-digriet tal-Qorti Civili. Ir-rimedju ta' min ikun qed jhossu aggravat b'xi digriet tal-Qorti Civili kemm dwar alimenti kif wkoll dwar access, mhux li jiehu l-ligi b'idejh imma li jirrikorri lejn l-istess Qorti li tkun emanat d-digriet jew ordni relattivi u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjamenti fis-sitwazzjoni."*

Kif tajjeb gie ritenut minn dik il-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-Qorti tigi *"biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati, fuq kwalsiasi pretest"*, [Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmen Tabone Reale*** deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1994] u b' "raguni xierqa" wiehed ghandu jifhem, kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-acess.

Ezempju ta' dan huwa *"xi mard serju tal-minuri li ma jkun jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar"* [vide ***Il-Pulizija v Joseph Ebejer*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996, ***Il-Pulizija v Jacqueline Zammit*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 u ***Il-***

***Pulizija v Isabelle Cilia*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005.]

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha li l-prosekuzzjoni sehhilha tipprova sal-grad rikjest li minkejja l-ordni tal-Qorti kompetenti, l-access tal-minuri Kayne Sciberras mal-parte civile ma sehhx u mill-banda l-ohra, il-Qorti ma thossx li l-imputata rnexxielha tipprova li kellha raguni xierqa sabiex dan l-access ma jsehhx. Ghalhekk bhala fatt, r-reat jirrizulta ppruvat u ma tirrizulta ebda raguni xierqa skond l-ligi sabiex l-ordni tal-Qorti ma tigix obduta.

**Ikkunsidrat:**

**Piena**

In kwantu ta' piena, fit-trattazzjoni il-prosekuzzjoni issuggeriet wahda minima bhal liberazzjoni kondizzjonata taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputata tinghata taghlima.

Mix-xhieda mismugha, il-Qorti tifhem li llum is-sitwazzjoni bejn il-partijiet imbidlet tant li l-minuri Kayne Sciberras qed jirresjiedi mal-missier u allura, dan ifisser li ma ghadx hemm obbligu li l-imputat tikkonsenja lill-minuri ghall-access mal-parte civile u allura, tista' tghid li ma ghadx hemm kwadru fattwali li jippermetti repetizzjoni tal-offizi hawn konsidrati.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ser timxi mas-suggeritment tal-prosekuzzjoni fejn tidhol piena.

**Decide**

**Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Cathriona Sciberras ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi zmien sentejn (2) mil-lum.**

**A tenur tal-Artikolu 22(3) tal-istess Att, qabel ma ngħata dan l-Ordni, il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Mogħtija illum nhar is-27 ta' Jannar 2025 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Reġistratur**